minn Tonio Farrugia

## Kampjonat 1958-59

# Sliema Wanderers jitilfu... u Valletta jsiru champions

### It-Tlettax-il Ġurnata

**25-04-1959:**
**Hibernians FC – Marsa FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: J. Cini (H) 60' u L. Theobald (H) pen. 68'.**
**Referee: Carmel Galea.**
**Att: 1,773**

*Hibernians FC*: Nenu Bugeja, Sunny Anastasi, Paul Nelson, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Joe Cini, Charlie 'Il-Kinnie' Schembri, Louis Theobald, Jimmy Mizzi.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Harold Henwood, Martin Attard, Ernie Glynn, Nenu Fabri, Franz Borg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, J. Azzopardi, Fredu 'Steak' Abela, Neriku Buttigieg, Pawlu Attard.

1. Għal Marsa rritornaw Nenu Fabri u Martin Attard li kienu msefrin mat-team tal-Inġinieri filwaqt li għal Hibernians irritorna Joe Cini li kien kiser idejh.

**01-05-1959:**
**Birkirkara FC – Sliema Wdrs FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: N. Chircop (B) 10', S. Nicholl (S) 15' u Ġ. Pisani (B) 84'.**
**Referee: Francis Fannon.**
**Att: 3,073**

*Birkirkara FC*: Peter Galea, J. Chetcuti, Johnnie Gatt, Salvu Theuma, George Dalli, Neville Mallia, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Emmanuel Theuma, Nenu Chircop, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Alfred Chircop.

*Sliema Wdrs FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Andrew Ellul, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Henry Balghy, Robbie Buttigieg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Ray Edwards.

1. B'din it-telfa tal-Wanderers, Valletta FC ġew inkurunati champions tal-Kampjonat Malti 1958-59.

2. Din il-partita suppost li kellha tintlagħab fis-26 ta' April, 1959, izda kienet tħassret minħabba maltempata kbira u xita kontinwa fejn b'kollox kienu tħassru 13-il partita. Minflok, din il-partita ntlagħbet il-Ġimgħa, 1 ta' Mejju.

3. Sliema kienu qed jilagħbu mingħajr Maurice Walsh li jumejn qabel kien weġġa' fir-replay tal-Final tax-Scicluna Cup bejn Sliema u Floriana.

**02-05-1959:**
**Floriana FC – Rabat FC 4-1**
**H.T 3-1**
**Skurjaw: G. Camilleri (F) 18', L. Borg (F) 30', P. Said (R) 35', F. Vella James (F) pen. 41' u L. Borg (F) 83'**
**Referee: John Ellison.**
**Att: 787**

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Eddie Bonnett, Tony Dalli, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Godwin Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC*: Charles Zerafa, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frank Montebello, Frank Camenzuli, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

1. Twanny Vassallo ta' Rabat FC tkeċċa fid-69 minuta wara li xejjer bis-sieq lil Pullu Demanuele.

2. L-introduzzjoni tat-TV f'Malta beda jħalli l-effetti tiegħu meta folla fqira ta' 787 kienet preżenti għal din il-partita wara li l-pubbliku baqa' id-dar jara l-Final tal-FA Cup bejn Nottingham Forest u Luton Town. Din il-partita kienet intweriet diretta u bdiet fit-3.00 p.m, wara kwarta Floriana – Rabat.

**03-05-1959:**
**Valletta FC – Marsa FC 3-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: A. Borg (V) 33', J. Urpani (V) 35', F. Cauchi (M) 58' u J. Zammit (V) 71'.**
**Referee: John Hopkins.**
**Att: 10,681**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Jackie Grech, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Harold Henwood, Martin Attard, Ernie Glynn, Franz Borg, Neriku Buttigieg, J. Azzopardi, Alfred Vassallo, Freddie 'Steak' Abela, Freddie Cauchi, Pawlu Attard.

1. Folla numeruża ta' partitarji Beltin attendiet għal din il-partita li fiha ġie ċċelebrat ir-rebħ tal-kampjonat wara nuqqas ta' 11-il sena. Fi tmiem il-partita il-folla qabżet fil-ground fejn ġarrew lill-players fuq l-ispallejn sal-mejda fejn kien hemm it-Tazza Johnnie Walker bil-President tal-MFA Dr. Maurice Decesare jippreżentaha lill-captain Walter Bone. Iċ-ċelebrazzjonijiet tkomplew fil-Belt fejn għall-ewwel darba ġie organizzat 'Il-Funeral' – tradizzjoni li baqgħet issir sal-lum kull meta Valletta jirbħu l-Kampjonat.

### L-Erbatax-il Ġurnata

**09-05-1959:**
**Birkirkara FC – Floriana FC: 2-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: J. Pisani (B) 8' u N. Chircop (B) 63'.**
**Referee: Lt. Mannon James Verdun**
**Att: 1,511**

*Birkirkara FC:* Peter Galea, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Salvu Theuma, George Dalli, Neville Mallia, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Leli Tonna, Nenu Chircop, Joe 'Il-Gross' Pisani, Alfred Chircop.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Eddie Bonnett, Tony Dalli, Freddie Vella James, Twanny Sultana, Godwin Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Għal Floriana din kienet is-seba' telfa li sofrew fil-kampjonat.

**10-05-1959:**
**Sliema Wdrs FC – Rabat FC 3-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: H. Balghy (S) 5', R. Spiteri (R) 23' u Ġ. Muscat (S) 69' u 75'.**
**Referee: Carmel Galea**
**Att: 1,953**

*Sliema Wdrs FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Andrew Ellul, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Ġulinu Muscat, Robbie Buttigieg, Henry Balghy, Alfred Parnis, Jimmy Casha.

*Rabat FC*: Charles Zerafa, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Frank Montebello, Frank Camenzuli, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Victor Aquilina.

1. Rabat kienu qed jilagħbu mingħajr Twanny Vassallo li kien sospiż filwaqt li Sliema Wanderers niżlu għal-logħob mingħajr Ray Edwards, Sammy Nicholl u Maurice Walsh li kien għadu imweġġa'.

2. Rabat ġew relegati għat-Tieni Diviżjoni meta rebħa biss kienet tħallihom jittamaw

għal decider. Proprjament Rabat kien fadlilhom tama żgħira meta kienu għadhom qed jistennew is-sentenza tal-Bord tal-Appell fuq ir-riżultat tat-telfa ta' 2-1 kontra Floriana meta dawn tal-aħħar kienu għamlu użu minn Fred Barry iżda fl-14 ta' Mejju, 1959, kienu rċevew il-kundanna finali meta l-Bord tal-Appewll kien ikkonferma l-ewwel sentenza.

3. Il-goalkeeper Ray Cosby weġġa' wara daqqa fuq il-kilwa u minkejja li kompla jilgħab, wara l-partita ttieħed l-isptar. Minħabba f'hekk Sliema akkwistaw lill-goalkeeper Pisani mingħand Għargħur Excelsior fejn dan lagħab il-partita tal-Cassar Cup u l-logħob tat-Trophy, b'Cosby jirritorna biss fir-replay tal-Final tat-Trophy li Sliema rebħu 1-0 kontra Valletta.

**16-05-1959:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: B. Calleja (Ħam) 28', F. Church (Hibs) 69' u L. Sultana (Hibs) 84'.**
**Referee: Carmel Galea**
**Att: 842**

*Hibernians FC*: Nenu Bugeja, Joe Bugeja, Paul Nelson, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Louis Theobald, Fredu Church, Joe Cini, Leli Sultana.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, George Cassar, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Freddie Falzon, Azzopardi, Roland Magri, Pawlu Buttigieg, Bertu Calleja, Austin Scicluna, Carmelo 'In-Nene' Grech, Gejtu 'Il Ħaċċa' Psaila.

1. Fit-80 minuta Joe Muscat ta' Hibernians tkeċċa wara li xejjer daqqa ta' ponn lil Bertu Calleja tal-Ispartans.

**23-05-1959:**
**Marsa FC – Sliema Wdrs FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: Ġ. Dimech (M) 15' u A. Vassallo (M) 24'.**
**Referee: Salvu Pirotta.**
**Att: 357**

*Marsa FC:* Alamango, Ernie Glynn, Martin Attard, Ġużi Cassar, Franz Borg, Neriku Buttigieg, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Alfred Vassallo, Freddie 'Steak' Abela, Freddie Cauchi, Pawlu Attard.

*Sliema Wdrs FC:* Victor Lynch, Alex Gollcher, Emmanuel Mallia, Ray Edwards, Joe Grima, Rudyard Mifsud, Ġulinu Muscat, Ninu Calleja, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Albert Micallef, Jimmy Casha.

1. Il-veteran Ninu Calleja rritorna fit-team tal-Wanderers f'din l-aħħar partita tal-kampjonat flimkien ma' players oħra reserves li qatt qabel ma kienu libsu l-flokk tal-Wanderers. Fil-fatt għall-goalkeeper Victor Lynch, Emmanuel Mallia u Albert Micallef din kienet l-unika partita li lagħbu mal-Wanderers. Għal Ninu Calleja din kienet l-aħħar dehra tiegħu mal-Wanderers. Ninu Calleja, flimkien ma' Gejtu Sacco 'Il-Gaga', kien qed imexxi l-Wanderers f'dan l-istaġun.

2. Joe Grima, li hu wkoll kien wieħed mid-debuttanti mal-Wanderers, aktar tard kompla l-karriera ma' Floriana FC.

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 14 | 10 | 3 | 1 | 39 | 11 | 23 |
| Sliema W. | 14 | 9 | 0 | 5 | 31 | 21 | 18 |
| Hamrun S. | 14 | 7 | 1 | 6 | 30 | 26 | 15 |
| Floriana | 14 | 5 | 2 | 7 | 21 | 26 | 12 |
| Birkirkara | 14 | 5 | 2 | 7 | 22 | 30 | 12 |
| Marsa | 14 | 4 | 4 | 6 | 7 | 25 | 12 |
| Hibernians | 14 | 5 | 2 | 7 | 15 | 22 | 12 |
| Rabat FC | 14 | 3 | 2 | 9 | 19 | 33 | 8 |

1. Valletta FC Champions tal-Kampjonat Malti 1958-59.

2. Rabat FC ġew relegati għat-Tieni Diviżjoni.

3. Il-partita Rabat FC – Ħamrun Sp. FC (1-0) li ntlagħbet fid-19 ta' Ottubru, 1958, kellha terġa' tintlagħab wara li Hamrun Spartans rebħu protest. Rabat FC rebħu r-replay ukoll bl-iskor ta' 3-1.

4. Il-partita Floriana FC – Sliema Wdrs FC (1-0) li ntlagħbet fit-22 ta' Novembru, 1958, kellha terġa' tintlagħab wara li Sliema Wdrs FC rebħu protest. Floriana FC rebħu r-replay ukoll bl-iskor ta' 3-2.

# Aħbarijiet

Fl-14 ta' April, 1959, tħabbar li kienet tħassret iż-żjara li Manchester City kellhom jagħmlu f'Malta meta l-club Ingliż ma laqgħux l-offerta ta' £2000 li kien għamlilhom il-Kunsill tal-MFA biex jilagħbu ħames logħbiet fostna. Manchester City riedu £2500. Fl-istess ħin tħabbar li l-club Taljan ta' AC Napoli kienu ser jilagħbu partita kontra l-MFA Xi fis-7 ta' Mejju 1959. Iż-żjara tal-club Taljan kienet qed tiġi organizzata mill-Kumitat Nazzjonali tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl. L-Arċisqof ta' Malta aċċetta l-istedina biex jattendi għall-partita.

Fl-24 ta' April, 1959, tħabbar li Malta ngħatat sħubija proviżorja mill-FIFA flimkien mal-Uganda u Puerto Rico. L-approvazzjoni kellha ssir fil-Kungress tal-FIFA li kellu jsir f'Ruma fil-5 ta' Mejju 1959.

Fid-29 ta' April, 1959, intlagħbet ir-replay tal-Final tax-Scicluna Cup bejn Sliema Wanderers u Floriana li għal darb'oħra ntemmet fi draw ta' 1-1 b'goals ta' Robbie Buttigieg wara ħames minuti għal Sliema u Lolly Borg wara minuta tat-tieni taqsima għal Floriana. Peress li kien qed jidlam ġie deċiż li ma jintlagħabx ħin barrani u l-clubs iżommu t-Tazza ftit xhur kull wieħed. Iż-żewġ naħat kienu diġà ltaqgħu fl-ewwel final fit-8 ta' Diċembru, 1958, meta dak in-nhar ukoll kienu spiċċaw fi draw ta' 1-1.

Fis-7 ta' Mejju, 1959, it-team magħżul Malti MFA XI tilef 3-1 kontra Napoli wara li sal-ewwel taqsima kien goal minn fuq skorjat minn Frankie Zammit fit-33 minuta. Wara l-mistrieħ, it-team Taljan iddomina l-partita u dawwar telfa f'rebħa bi tliet goals ta' Di Giacomo fid-49 minuta, Luis Vinicio fil-51 minuta u Brugola fis-67 minuta. Il-coach ta' Napoli, Amadeo Amadei, wara l-partita kien qal li kien impressjonah ħafna l-player Pullu Demanuele.

Kampjonat mitmum għal Billy Dalli meta fil-11 ta' Mejju, 1958, il-Kunsill tal-MFA ħabbar li kien qed jissospendi lill-player Billy Dalli ta' Floriana għal 32 ġurnata wara li dan kien insulta lil membru tal-Kunsill fl-Istadium tal-Gżira meta kien qed jilgħab mat-team tal-Army. Huwa, suppost li kellu jidher quddiem il-Kunsill il-Ħamis 7 ta' Mejju, 1959, iżda minflok informa lill-Kunsill li ma setax jattendi minħabba li kien xogħol. Il-Kunsill tal-MFA ħareġ bis-sentenza xorta waħda wara li nduna li l-player ma kienx xogħol. Bi protesta, il-Kumitat ta' Floriana rriżenja mill-kariga iżda rtira r-riżenja ftit wara.

Fit-18 ta' Mejju, 1959, bdiet tmien xhur iktar tard mis-soltu, il-kompetizzjoni tal-Cassar Cup 1958, meta Ħamrun Spartans għelbu lil Floriana 2-1. Il-kompetizzjoni suppost li kellha tintlagħab f'Settembru,1958, iżda minħabba li kien għadu ma ntlaħaqx ftehim bejn l-MFA u l-Ground Management tal-Empire Stadium, il-kompetizzjoni kienet tħassret.

Fil-31 ta' Mejju, 1959, St. George's għelbu lil Little Rainbows 6-1 fil-Final tan-Knock Out tat-Tieni Diviżjoni biex għamlu l-istaġun kollu jirbħu l-logħob kollu kemm tal-Kampjonat u anke tan-Knock Out. B'kollox huma kisbu punti massimi minn 14-il partita tal-kampjonat u tliet rebħiet fil-kompetizzjoni tan-Knock Out.